# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 972/97

Alfred Grixti
vs
Malta Maritime Authority

Illum 12 ta' Frar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1993 huwa sofra ngustizzja f'li gie mcahhad mill-opportunita' li joqghod ghall-intervista ghall-post vakanti ta' Human Resources Development Manager mal-Awtorita' intimata.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien applika ghall-post vakanti ta' Human Resources Development Manager mal-Awtorita' intimata. Wara illi l-applikazzjoni tar-rikorrent giet "short-listed" il-Hamis 7 ta'

Jannar tal-1993, permezz ta' telefonata minghand is-Sinjorina Stivala, impjegata tal-Awtorita' intimata, huwa gie nfurmat illi kien gie maghzul biex jattendi ghall-intervista mal-Awtorita' intimata. Ir-rikorrent gie mitlub jaghmel dan it-Tnejn 11 jew it-Tlieta 12 ta' Jannar bejn id-disgha ta' filghodu u nofs in-nhar. Ir-rikorrent immedjatament informa lis-Sinjorina Stivala li huwa ma setghax jattendi ghall-intervista f'dawk il-hinijiet, u offra illi jattendi ghall-istess intervista f'xi hin wara is-saghtejn ta' wara nofs in-nhar. Is-sinjorina Stivala infurmatu illi kienet ser terga iccempillu wara li tivverifika jekk l-intervista setghatx issehh fil-hinijiet proposti mir-rikorrent, fil-25 ta' Jannar ta' l-istess sena, permezz ta' ittra esebita bhala Dok (A). Ir-rikorrent gie nfurmat illi l-post ta' Human Resources Development Manager gie assenjat. Dan minghajr ma r-rikorrent inghata l-opportunita' illi jattendi ghall-intervista, minkejja l-fatt illi l-Awtorita' intimata kellha tinforma lir-rikorrent b'data u hin meta huwa kellu jattendi ghall-intervista stante illi huwa ma setghax jattendi ghall-istess intervista fil-hinijiet proposti mill-Awtorita'.

Illi jigi rilevat illi fiz-zmien in kwistjoni ir-rikorrent kien kandidat tal-Partit Laburista u kien ghadu kemm ikkontesta l-Elezzjonijiet Generali tal-1992.

Minhabba din l-ingustizzja ir-rikorrent sofra danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa gie mcahhad mill-opportunita' illi jattendi ghall-intervista wara li huwa kien gie nfurmat illi l-applikazzjoni tieghu ghall-post vakanti ta' Human Resources Development Manager kienet giet short-listed.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokument anness.

Ra r-risposta ta’ l-Awtorita’ Marittima li eccepiiet:

Illi l-Awtorita’ Marittima filwaqt li cahdet l-allegazzjonijiet maghmula minn Alfred Grixti gabet a konjizzjoni tat-Tribunal is-segwenti:

Illi effettivament il-fatti graw kif raportati fit-tieni u t-tielet paragrafu tar-rikors tas-Sur Grixti:

Illi rigward dawn il-fatti hemm korrispondenza bejn il-partijiet, kopja taghha giet annessa bhala Dok A,B u C:

Illi fl-ittra ta' 17 ta' Frar 1993 l-Awtorita' spjegat lir-rikorrent ghaliex ma giex aktar ikkunsidrat ghall-post ta' Human Resource Development Manager minkejja illi gie shortlisted:

Illi l-Awtorita' fis-7 ta' Jannar 1993 kienet infurmat lir-rikorrent illi huwa gie shortlisted u li t-tieni intervista kienet ser issir jew it-Tnejn jew it-Tlieta tal-gimgha ta' wara bejn id-disgha u l-ghaxra ta' filghodu. Is-Sur Grixti minn naha tieghu informa l-Awtorita' illi ma setghax jattendi fil-hinijiet indikati minhabba x-xoghol tieghu.

Illi l-membri tal-Bord li kien inkarigat mill-intervisti ddeciedi illi la darba s-Sur Grixti ma setghax jattendi ghat-tieni intervista dan kien sinjal illi l-applikant ma kellux interess serju.

Illi ghalkemm is-Sur Grixti ghandu kull dritt li ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Bord, dan bl-ebda mod ma ghandu jigi interpretat illi saret xi ingustizzja mar-rikorrent jew li saret diskriminazzjoni mieghu minhabba t-twemmin politiku tieghu kif qed jigi allegat.

Filwaqt li l-Awtorita' intimata gabet is-suespost a konjizzjoni tat-Tribunal talbet illi r-rimedju mitlub mir-rikorrent jigi michud.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi f'dan il-kaz it-Tribunal ma tantx ghandu provi. Ir-rikorrent ikkonferma l-fatti kollha imsemmija fir-rikors. L-Awtorita' intimata ma ghamlet ebda provi hlief li pprezentat risposta u xi dokumenti fl-istadju inizjali tal-kawza, izda ma ghamlet ebda prova meta kien imissa.

Mill-ftit provi li hemm jirrizulta li r-rikorrent applika ghall-hatra ta' Human Resources Development Manager mal-Awtorita' Marittima u gie shortlisted; wara gie infurmat bl-interviews u informa lis-sinjorina Stivala li ma setax jattendi dak il-hin; liema sinjorina Stivala skond ir-rikorrent qaltlu li ser terga iccempillu. Minflokk gie appuntat haddiehor ghall-post ta' Human Resources Development Manager mal-Awtorita' Marittima.

Issa kien hemm ingustizza f'din il-hatra? L-ewwel haga jinghad li certament hu d-dritt ta' min sejjer jimpjega li jistabbilixxi l-hin x'hin ghandhom isiru l-interviews u mhux kif pretenda r-rikorrent. Sakemm kien hin ragjonevoli [ u certament li kien ] l-Awtorita' kella d-dritt kollu li taghzel il-hin hi, u r-rikorrent ma kellu ebda dritt jippretendi li jitbiddel il-hin tal-interviews ghall-kumdita' tieghu. Izda l-Awtorita' ghamlet zball enormi u b'hekk ghamlet ingustizzja meta ma infurmatx b'dan lir-rikorrent. La s-Sinjorina Stivala qalet lir-rikorrent li sejra iccempillu, u din ma cemplitlux, ir-rikorrent tilef l-opportunita' li jaghmel l-interview

u possibilment tilef l-opportunita' li jiehu l-kariga. Hawn tinsab l-ingustizzja.

Inoltre l-Awtorita' Marittima ma indenjatx ruhha li tidher quddiem it-Tribunal biex taghti l-versjoni taghha, u tas-Sinjorina Stivala, jew tipproduci xi xhieda ohra relevanti ghall-kaz.

Stabbilit dak li intqal fuq, it-Tribunal ghandu problema enormi biex jasal jekk ir-rikorrent kellux jinghata l-hatra. Ma gietx prodotta c-cirkolari jew notice ghall-kariga; ma jafx xkellhom ikunu l-kwalifiki; ma jafx x'kellu jkun is-salarju; ma jafx min u kemm applikaw ghall-post; ma jafx xi kwalifiki kellhom inkluz ir-rikorrent li t-Tribunal fil-kaz tar-rikorrent jista' jassumihom biss minn dak li jidher fuq il-letterheads.

Ovvjament meta r-rikorrent ra li l-intimati mhux qedghin jattendu kien astut biz-zejjed li jieqaf hemm; u b'hekk serrah rasu li ser jirbah l-ilment. Izda dan xorta halla diversi problemi lit-Tribunal.

It-Tribunal ikkonsidra t-talba tar-rikorrent li talab ghal kumpens finanzjarju. Certament l-Awtorita' Marittima ghamlet ingustizzja meta ma infurmatx lir-rikorrent li t-talba tieghu ghal data ohra ghall-interview ma gietx milqugha. Fic-cirkostanzi tal-kaz peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000].

Spejjez kontra l-Awtorita' intimata.